MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1838/2004

**Joseph u Amelia Paula konjugi Cipriott**
**vs**
**George Mifsud**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Ottubru, 2004, fejn :**
**l-atturi talbu lit-Tribunal li jiddeciedi li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghad-danni li sofra fuq il-vettura taghhom Fiat Tempra bin-numru ta' registrazzjoni FAF-223 fit-22 ta' Dicembru, 2002 f'Hal Balzan, liema danni gew ikkagunati meta l-konvenut tefa' flixkun tal-hgieg ghal fuq l-imsemmija vettura.**
**L-atturi talbu wkoll li jigu likwidati d-danni li sofrew u li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi dawk id-danni hekk likwidati bl-imghaxijiet legali.**
**Ghal finijiet ta' kompetenza gie dikjarat li d-danni sofferti mill-atturi ma jeccedux is-somma ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300.00).**

**Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra tad-9 ta' Jannar, 2003 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-22 ta' Ottubru, 2004, fejn intqal illi t-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha stante li kif ser jirrizulta waqt il-kawza, il-konvenut George Mifsud ma kellu x'jaqsam xejn mad-danni ikkagunati fil-vettura tal-atturi.**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**
**Bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Cipriott, Doris Cipriott, Grace Aloisio, Annunziata Camilleri, Alvin Wannous, Andre Vassallo, Tania Zammit, Manuel Arpa u George Mifsud. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi tal-kaz. Semgha lill-partijiet jittrattaw il-kawza.**

**Ikkunsidra:**

**1. L-attur qed ifittex ghal danni kagunati fil-vettura tieghu meta allegatament intlaqtet minn flixkun li skond ma jghid l-attur gie mitfuh mill-konvenut.**

**2. Jirrizulta illi fit-22 ta' Dicembru, 2002, cioe' dakinhar ta' l-incident, kien hemm partita tal-football bejn it-team ta' Hal Lija u t-team ta' Hal Balzan. Kif setgha jikkonstata t-Tribunal waqt is-smiegh tal-provi tezisti rivalita' kbira bejn dawn iz-zewg teamijiet.**

**3. Ir-rizultat tal-partita ffavorixxa lil Hal Balzan u ghalhekk il-partitarji ta' l-istess team kienu qeghdin jiccelebraw fit-toroq ta' Hal Balzan.**

**4. L-attur kellu l-karozza parkeggjata fi Triq Guze Bonnici Hal Balzan, meta gie nfurmat minn Nancy Camilleri, Grace Alosio u Doris Cipriott, illi twaddab il-flixkun li laqat il-karozza tieghu. L-attur mar jara u sab daqqa fuq il-bonnet u daqqa fuq il-bieba. L-attur ma rax l-incident isehh peress illi dak il-hin kien fil-kazin tan-Nazzjonalisti ta' Hal Balzan.**

**5. Il-karozza ta' l-attur ma kienetx parkeggjata hdejn dan il-kazin izda vicin il-kazin tal-banda fi Triq Guze Bonnici fi Pjazza Bertu Fenech.**

**6. Ix-xhieda okulari Annunziata Camilleri, Doris Cipriott u Grace Alosio kienu pjuttost konsistenti fid-deposizzjoni taghhom.**

**7. Ghandu jigi rilevat illi waqt li ghaddejjin ic-celebrazzjonijiet fil-pjazza ta' Hal Balzan nizel truck bil-partitarji ta' Hal Lija.**

**8. Skond Annunziata Camilleri l-konvenut waddab flixkun li gie fuq il-karozza ta' l-attur, li jigi n-neputi taghha. Ix-xhud irrimarkat li d-danni kienu fuq il-bonnet. Doris Cipriott tikkonferma li l-konvenut tefgha l-flixkun lejn il-partitarji ta' Hal Lija li kienu ghaddejjin bit-truck, liema truck kien qasam il-pjazza u dar ghal Triq Guze Bonnici. Cipriott tikkonferma li l-flixkun waqa' fuq il-vettura ta' l-attur. Cipriott testwalment : « x'hin ra l-vann gej il-konvenut tkellem hazin u waddab il-flixkun. Il-vann lahaq ghadda u l-flixkun gie fuq il-karozza ta' l-attur. » Grace Aloisio li kienet prezenti maz-zewg xhieda li ghadhom kemm issemmew tikkonferma li l-flixkun gie fuq il-karozza ta' l-attur kif ukoll li kien il-konvenut li waddab il-flixkun.**

**9. George Mifsud jinnega li waddab il-fliexken. Il-konvenut ighid illi kien instab hati mill-Qorti tal-Magistrati li kkaguna danni fil-vettura ta' l-attur.**

**10. Andre Vassallo jammetti li ra flixkun itir pero' ma jafx min waddbu, ghalkemm ighid li lill-konvenut rah fil-pjazza. Dan ix-xhud ma kienx car meta sarlu l-kontro-ezami u ghalkemm ighid li tar flixkun ma eskludiex li twaddab xi flixkun iehor, pero' ezatt wara jghid li mill-folla ma twaddbux fliexken ohra.**

**11. Ix-xhud Alvin Wannous xehed li ma kienx il-konvenut li waddab il-flixkun pero' jirrizulta illi meta kien hemm il-kommozzjoni hu kien dahal jixtri, ghalkemm ix-xhud prontament bidel il-versjoni u qal li kien qabel il-kommozzjoni li kien dahal jixtri. Anke dan ix-xhud ma hux kredibbli.**

**12. Xehdet ukoll Tania Zammit li dakinhar tghid illi kienet qed tixrob mal-konvenut. Din a dirittura ma ratx**

**fliexken itiru u t-Tribunal isib lill-istess xhud mhux attendibbli.**

**13. It-Tribunal qed jirreferi ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (per Magt. Dr Anthony G Vella fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Mifsud deciza fit-3 ta' Frar 2005). Id-decizjoni hawn imsemmija ma thalli l-ebda dubbju dwar l-agir tal-konvenut.**

**14. Ix-xhieda ta' Annunziata Camilleri, Grace Aloisio u Doris Cipriott ukoll ma thalli ebda dubbju illi kien proprju l-konvenut li tefa' l-flixkun illi laqat il-karozza ta' l-attur.**

**15. Id-danni huma skond ma jirrizulta mid-Dok a Fol 10 tal-process u Dok P1 fl-ammont ta' mija tmienja u tmenin lira u tlieta u tletin centezmu (Lm188.33).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal isib lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni li sofrew l-atturi fil-vettura taghhom, jillikwida d-danni fl-ammont ta' mija tmienja u tmenin lira u tlieta u tletin centezmu (Lm188.33) u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-imsemmija somma ta' mija tmienja u tmenin lira u tlieta u tletin centezmu (Lm188.33). Bl-imghaxijiet legali dekorribbli mil-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza nkluzi dawk ta' l-ittra legali tad-9 ta' Jannar 2003 ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------